3. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Dannu gravi u irreparabbli — Dannu finanzjarju — Dannu li jista' jiġi rrimedjat bl-għoti ta' kumpens fil-kuntest tal-kawża prinċipali (Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punt 44)*

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni C(2009) 7426 finali tal-Kummissjoni, tat-30 ta' Settembru 2009, dwar il-proġett tal-għoti ta' kumpens għal spejjeż ta' servizz pubbliku ta' EUR 59 miljun għall-istabbiliment u l-użu ta' netwerk ta' komunikazzjonijiet elettroniċi b'veloċità qawwija fid-dipartiment tal-Hauts-de-Seine (Franza).

Dispożittiv

1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tal-10 ta' Ġunju 2010 – Atlas Transport vs UASI – Hartmann (ATLAS TRANSPORT)

(Kawża T-482/08)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' revoka — Trade mark Komunitarja verbali ATLAS TRANSPORT — Użu ġenwin mit-trade mark — Artikoli 15 u 50(1) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li saru l-Artikoli 15 u 51(1) tar Regolament (KE) Nru 207/2009]"

Trade mark Komunitarja — Ċessjoni, revoka u invalidità — Raġunijiet għal revoka — Nuqqas ta' użu ġenwin mit-trade mark — Użu tat-trade mark taħt forma differenti permezz ta' elementi li ma jbiddlux il-karattru distintiv tat-trade mark (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikoli 15(2)(a) u 50(1)(a)) (ara l-punti 42, 43)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tad-9 ta' Settembru 2008 (Każ R 1858/2007-4), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Alfred Hartmann u Atlas Transport GmbH.

Informazzjoni dwar il-kawża

Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja::	Atlas Transport GmbH
Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett ta' applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità:	Trade mark verbali ATLAS TRANSPORT għas-servizzi ta' trasport (trasport ta' merkanzija) fil-klassi 39 – Trade mark Komunitarja Nru 545681
Parti li qed titlob ir-revoka tat-trade mark Komunitarja:	Alfred Hartmann
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:	Applikazzjoni miċħuda
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Talba għar-revoka milqugħa

Dispożittiv

1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tad-9 ta' Settembru 2008 (Każ R 1858/2007-4), hija annullata.

2) L-UASI huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk esposti minn Atlas Transport GmbH.

3) Alfred Hartmann għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tal-15 ta' Ġunju 2010 – Actega Terra vs UASI (TERRAEFFEKT matt & gloss)

(Kawża T-118/08)

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali TERRAEFFEKT matt & gloss — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(ċ)) (ara l-punti 33, 34, 51-53)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-7 ta' Jannar 2008 (Każ R 1467/2007-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali TERRAEFFEKT matt & gloss bħala trade mark Komunitarja.